**278. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## KIRI TA' BINI F'SA MAISON, LILL-GOZO CHANNEL COMPANY LIMITED

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta biħsiebu jikri lill-Gozo Channel Company Limited bini f'Sa Maison bħala uffiċini u mħażen kif deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien bil-kera u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati ;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-bini f'Sa Maison kif deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġi mogħti lill-Gozo Channel Company Limited għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmijin fl-istess abbozz.

**18.07.1980**